## STQARRIJA DWAR PROĊEDURI TA' SIGURTA' FL-AJRUPORT INTERNAZZJONALI TA' MALTA

2. Jiena ordnajt din l-inkjesta skond l-Att dwar l-Inkjesti (Kap. 273) ftit sigħat biss wara li kien inħataf ajruplan tal-linja nazzjonali Maltija fi triqtu lejn Istanbul nhar it-Tnejn, 9 ta' Ġunju biex:

(a) Jistabilixxi jekk il-proċeduri tas-sigurta' fl-ajruport ta' Malta ġewx kollha esegwiti fir-rigward tat-titjira ta' l-Air Malta KM 830 tad-9 ta' Ġunju, 1997 lejn l-Istanbul u kif dawn ġew esegwiti; u

(b) Jistħarreġ jekk hemmx lok fejn il-proċeduri eżistenti tas-sigurta' għall-ħarsien ta' titjiriet mill-ajruport ta' Malta jistgħux jiġu mtejba.

3. Il-membri maħtura fil-Kumitat kienu s-Sur Joe A. Grima bħala *chairman* filwaqt li l-Brigadier Alfred Sammut Tagliaferro, CBE u s-Sur Martin Scicluna kienu membri. Is-segretarju tal-bord kien is-Sur Richard Saliba.

4. Nixtieq nuri l-apprezzament tiegħi lill-kumitat għax-xogħol siewi li sar fi żmien stipulat ta' ġimgħatejn li jien stess kont indikajt sabiex jitlesta dan ir-rapport. Nixtieq anke nifraħ lill-kumitat għar-rakkmandazzjonijiet ċari u kostruttivi li għamel fir-rapport.

5. Irrid ngħid b'mod ċar mill-bidu nett li l-Gvern huwa determinat li jittratta s-sigurta' fl-ajruport ta' Malta b'mod mill-aktar serju. Ir-rapport juri li l-ajruport ta' Malta għandu livelli internazzjonali magħrufin sew u li ġew spezzjonati minn għadd ta' spetturi barranin u misjuba bħala li jitqabblu tajjeb ma' dawk ta' ajruporti internazzjonali. Ir-rapport juri li waqt li s-sistema ta' sigurta' fl-ajruport ta' Malta hija tajba ħafna, hemm lok għal titjib.

6. Wara li ħa f'konsiderazzjoni t-termini ta' riferenza mogħtija lilu, u wara l-istħarriġ li għamel, il-kumitat ressaq numru ta' konklużjonijiet:

(a) F'dak li għandu x'jaqsam mat-titjira KM 830 tad-9 ta' Ġunju, 1997 ġie stabilit illi ma għadda l-ebda meterjal splussiv mis-sistemi tas-sigurta' fl-Ajruport internazzjonali ta' Malta.

(b) Fir-rigward tal-materjal li allegatament il-pirati ta' l-ajru tellgħu magħhom fuq l-ajruplan, u li jgħidu li għaddew f'borża tal-plastik mis-sistema ta' l-iċċekkjar tas-sigurta' fl-ajruport internazzjonali ta' Malta, il-kumitat ried jasal għall-konklużjoni dwar jekk l-oġġetti li għaddew kellhomx iqanqlu suspett min-naħa ta' l-impjegati ta' l-MIA.

(c) Il-kumitat għaldaqstant ħa f'konsiderazzjoni l-lista ta' oġġetti li l-passiġġier Akmercan isostni li għadda ġo borża tal-plastik, kemm mis-*security check-point* kif ukoll mill-X-*ray machine.*

(d) Meta irrifletta dwar din il-kwestjoni, il-kumitat ħass li f'dan ir-rigward kien hemm nuqqas min-naħa ta' l-element uman li ma ħax azzjoni fiċ-ċirkostanzi li kellu quddiemu.

7. Għalhekk, minkejja li l-kumitat huwa konvint illi l-proċeduri u s-sistemi tas-sigurta' li hemm fl-ajruport kienu qed jiffunzjonaw kif għandu jkun fil-lejl ta' bejn it-8 u d-9 ta' Ġunju 1997, kien hemm każ ta' nuqqas ta' konċentrazzjoni kruċjali min-naħa ta'

*operator* li kien għassa ma' l-*X-ray machine* waqt li kien għaddej il-*hand luggage* ta' Akmercan u Beyazpinar, il-pirati ta' l-ajru.

8. Il-kumitat ikkonsidra fid-dettal l-evidenza kollha possibli dwar il-mod kif l-uffiċjali u l-impjegati ta' l-Air Malta mxew tul l-esperjenza tal-*hijack* u wasal għall-konklużjoni li l-attitudni ta' kull min kien involut kienet waħda mill-aktar responsabbli fil-ħarsien tas-sigurta' tal-passiġġieri, filwaqt li għenet bis-sħiħ sabiex ikun hemm is-soluzzjoni sodisfaċenti li fil-fatt kien hemm.

9. Il-kumitat qies ukoll kif ma' l-ewwel informazzjoni li waslet dwar il-bidu ta' l-inċident fuq it-titjira KM 830, ittieħdu passi biex jitwaqqaf n*erve centre* mill-Air Malta - peress illi l-inċident kien jinvolvi ajruplan tal-kumpannija. Jirriżulta wkoll illi l-Ministru Joe Mizzi, responsabbli mis-sigurta' ta' l-ajruport, filwaqt li kien preżenti, aċċerta li l-operazzjoni titmexxa bl-aktar mod professjonali u bla ma jkun hemm indħil minn kwartieri oħrajn.

10. Meta l-kumitat ġie biex janalizza l-proċeduri eżistenti tas-sigurta' għall-ħarsien ta' titjiriet mill-ajruport, ħa f'konsiderazzjoni diversi fatturi li jinkludu:

(a) il-pożizzjoni ġeo-strateġika ta' pajjiżna fiċ-ċentru ta' żona fejn hemm irqajja instabli u li allura jagħtu lok għal ċirkostanzi li jmorru 'l hemm minn dak li wieħed iqis bħala "konsiderazzjonijiet ta' sigurta' normali fuq livell internazzjonali".

(b) l-organizzazzjoni stabilita għall-ħarsien tas-sigurta' fl-ajruport.

(c) l-element ta' apparat mekkaniku u elettroniku, flimkien ma' miżuri oħrajn ta' sigurta' f'kull naħa ta' l-Ajruport.

(d) l-element uman li għandu ħafna importanza fil-ħarsien tas-sigurta' u fid-deċiżjonijiet li jridu jittieħdu wkoll fuq informazzjoni li jipprovdi l-apparat elettroniku - bħalma huma l-*X-ray machines* u l-*closed-circuit television cameras*.

(e) ir-relazzjonijiet bejn l-uffiċjali responsabbli mis-sigurta' fl-Ajruport u l-pulizija fir-rigward ta' *intelligence information* għandhom ħafna importanza.

11. Dawn il-konklużjonijiet ġew eżaminati mill-kumitat ta' sigurta' fl-ajruport immexxi mill-Ministru mingħajr Portafoll l-Onor. Joe Mizzi, li għamel l-osservazzjonijiet u r-rakkmandazzjonijiet tiegħu. Dawn qed jidhru bħala dokument separat li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra flimkien mar-rapport tal-kumitat imwaqqaf fid-9 ta' Ġunju.

12. Dalgħodu l-Kabinett wara li ddiskuta r-rapport tal-Kumitat biex iwettaq l-istħarriġ amministrattiv dwar proċeduri ta' sigurta' fl-ajruport internazzjonali ta' Malta, aċċetta l-konklużjonijiet u r-rakkmandazzjonijiet kollha tar-rapport, b'mod partikolari qed nieħu passi biex malajr kemm jista' jkun, taħt il-kordinament ta' Sur Martin Scicluna, jitlesta abbozz ta' *Aviation Security Act* bil-ħsieb li dan jgħaddi mill-Parlament qabel Marzu 1998.